MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2012

Numru. 234/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Christian Panaitescu ta' 25 sena, iben Gigi u Aurica mwieled Romania nhar 26/10/1986 u jirrisjedi gewwa l-fond 1, Qual Flats, Triq Harrub, Msida u detentur tal-karta tal-identita bin-numru GL 217799**

**Marian Panaitescu ta' 26 sena iben Gigi u Aurika mwieled Romania nhar 27/6/1986 u jghix gewwa 1, Quail Flats, Triq Harrub, Msida, detentur tal-karta tal-identita Rumena nru: GL 222555**

**Niculae Alexandru Dragos ta' 22 sena iben Florica u Nicolino xebba Iordache mwieled nhar 22/09/1989 gewwa r-Romania u jirresjedi gewwa l-fond Coconut Flats3,4 Triq Wilga' Paceville karta tal-identita Rumena No: RR52964**

**Dumitriu Marius ta' 26 sena iben Nastase u Elena xebba Panaitescu mwieled ir-Romania nhar l-4/2/1986 u residenti gewwa l-fond 1, Qual Flats, Triq Harrub, Msida, detentur tal-karta tal-identita Rumena GL732332**

**Ilie Niculae ta' 28 sena iben Paol u l-mejta Lenuta xebba Enasoiei mwieled Romania nhar 10/04/1984 u jirresjedi gewwa l-fond Coconut flat 3,4, Triq Wilga Paceville detentur tal-karta tal-identita Rumena no: RR788608**

**------------------Omissis--------------------**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputati Ilie Nicolae, Niculae Alexandru Dragos, lil Dumitru Marius, lil Niculae Florica u Christian Panaitescu li gew akkuzati talli:

1. F'dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar gimghat b'diversi atti maghmulin minnhom ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

2. Talli nhar l-24 ta' Frar 2012 u/jew fil-granet u gimghat ta' qabel, matul il-jum, f'dawn il-Gzejjer u cioe` minn gewwa l-fond bl-isem Levi's Store li jinsab fi Pjazza Sant' Anna, Sliema, ikkommettew sereq ta' diversi hwejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza kif ukoll bil-valur li jeccedi 232.94 Euro u li sar ghad-detriment ta' Leonard Cassar u/jew persuni ohra;

3. Kif ukoll talli nhar l-24 ta' Frar 2012 u/jew fil-granet u gimghat ta' qabel, matul il-jum, f'dawn il-Gzejjer u cioe` minn gewwa l-fond bl-isem Euro Sport li jinsab fil-kumpless Bay Street, San Giljan, ikkommettew serq ta'

diversi hwejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza kif ukoll bil-valur li jeccedi 232.94 Euro u li sar ghad-detriment ta’ Marina Christina Peresso u/jew persuni ohra;

4. Kif ukoll talli nhar l-24 ta’ Frar 2012 u/jew fil-granet u gimghat ta’ qabel, matul il-jum, f’dawn il-Gzejjer u cioe` minn gewwa l-fond bl-isem Berishka li jinsab fi triq Bisazza, Sliema, ikkommettew serq ta’ diversi hwejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza kif ukoll bil-valur li jeccedi 232.94 Euro u li sar ghad-detriment ta’ Dorothy Saliba u/jew persuni ohra;

5. Kif ukoll talli nhar l-24 ta’ Frar 2012 u/jew fil-granet u gimghat ta’ qabel, matul il-jum, f’dawn il-Gzejjer u cioe` minn gewwa l-fond bl-isem Junction li jinsab fi Plaza Shopping Complex, Triq Bisazza, Sliema, ikkommettew serq ta’ diversi hwejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza kif ukoll bil-valur li jeccedi 232.94 Euro u li sar ghad-detriment ta’ Michael Vella u/jew persuni ohra;

6. Kif ukoll talli nhar l-24 ta’ Frar 2012 u/jew fil-granet u gimghat ta’ qabel, matul il-jum, f’dawn il-Gzejjer u cioe` minn gewwa l-fond bl-isem Terra Nova li jinsab gewwa Tigne Point, Sliema, ikkommettew serq ta’ diversi hwejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza kif ukoll bil-valur li jeccedi 232.94 Euro u li sar ghad-detriment ta’ Denis Bonello u/jew persuni ohra;

7. Kif ukoll talli nhar l-24 ta’ Frar 2012 u/jew fil-granet u gimghat ta’ qabel, matul il-jum, f’dawn il-Gzejjer u cioe` minn gewwa l-fond bl-isem Tomy Hilfiger li jinsab fi Triq ix-Xatt ta’ San Gorg, San Giljan, ikkommettew serq ta’ diversi hwejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza kif ukoll bil-valur li jeccedi 232.94 Euro u li sar ghad-detriment ta’ Jonathan Patrick Shaw

8. Kif ukoll talli nhar l-24 ta' Frar 2012 u/jew fil-granet u gimghat ta' qabel, matul il-jum, f'dawn il-Gzejjer u cioe` minn gewwa l-fond bl-isem Square Deal li jinsab ix-Xatt tas-Sliema, ikkommettew serq ta' diversi hwejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza kif ukoll bil-valur li jeccedi 232.94 Euro u li sar ghad-detriment ta' A. Grech u/jew persuni ohra;

9. Kif ukoll talli nhar l-24 ta' Frar 2012 u/jew fil-granet u gimghat ta' qabel, matul il-jum, f'dawn il-Gzejjer u cioe` minn gewwa l-fond bl-isem Urban Culture li jinsab ix-Xatt ta' Tigne, Sliema, ikkommettew serq ta' diversi hwejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza kif ukoll bil-valur li jeccedi 232.94 Euro u li sar ghad-detriment ta' Carl Anastasi u/jew persuni ohra;

10. Kif ukoll talli nhar l-24 ta' Frar 2012 u/jew fil-granet u gimghat ta' qabel, matul il-jum, f'dawn il-Gzejjer u cioe` minn gewwa l-fond bl-isem Exit li jinsab fi Triq it-Torri, Sliema, ikkommettew serq ta' diversi hwejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza kif ukoll bil-valur li jeccedi 232.94 Euro u li sar ghad-detriment ta' Nathalie Vella Wright u/jew persuni ohra;

11. Kif ukoll talli nhar it-23 ta' Frar 2012, matul il-jum, f'dawn il-Gzejjer u cioe' minn gewwa l-fond bl-isem Urban Jungle li jinsab fi Triq ix-Xatt, Sliema, ikkommettew serq ta' diversi hwejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza kif ukoll bil-valur li jeccedi 232.94 Euro u li sar ghad-detriment tal-ahwa Emanuel u Jose` Borg u/jew persuni ohra;

12. Kif ukoll talli nhar it-18 ta' Frar 2012, matul il-jum, f'dawn il-Gzejjer u cioe' minn gewwa l-fond bl-isem Makita, li jinsab fi Triq Giorgio Borg Olivier, Victoria, Ghawdex, ikkommettew serq ta' diversi ghodod, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza kif ukoll bil-valur li

jeccedi 2329.37 Euro u li sar ghad-detriment ta’ Philip Grima u/jew persuni ohra;

13. Kif ukoll talli nhar l-24 ta’ Frar 2012, u/jew fil-granet u gimghat ta’ qabel, matul il-jum, minn gewwa diversi hwienet f’dawn il-Gzejjer ikkommettew serq ta’ diversi hwejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza kif ukoll bil-valur li jeccedi 2329.37 Euro u li sar ghad-detriment ta’ perusna jew persuni mhux maghrufa;

U finalment akkuzati kollha f’daqqa

14. Talli nhar l-24 ta’ Frar 2012, u/jew fil-granet u gimghat ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehudin b’qerq jew akkwistati b’reat, li jikkonsistu f’diversi hwejjeg godda, zraben godda, ghodod godda, arloggi, tlett laptops u mobile phones, li l-ammont komplessiv taghhom ilahhaq diversi eluf t’Ewro, u li jappartjenu lil diversi persuni;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputati l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatj tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputati izda ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputati ghajr ghall-imputat Marian Panaitescu jinsabu akkuzati b’mhux anqas minn erbghatax (14) il-akkuza ta’ serq u

ricettazzjoni u kwindi l-Qorti ma tistax hlief timponi piena karcerarja effettiva. Illi fir-rigward tal-imputat Marian Panaitescu, dana huwa akkuzat biss bir-reat tar-ricettazzjoni u jidher illi hu ma kien bl-ebda mod involut f'dan ic-cirku ta' serq izda jidher illi l-imputati li kienu jghixu fl-appartament tieghu u ghalhekk ir-resfurtiva instabet ukoll fil-pussess tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat fil-konfront tal-imputati Ilie Nicolae, Niculae Alexandru Dragos, Dumitru Marius u Christian Panaitescu l-artikoli 261(a)(c), 262(1)(b), 267, 276, 277(a), 334, 31, 18 u 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta  issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom ghall-piena ta' tlett (3) snin prigunerija u fil-konfront tal-imputat Marian Panaitescu wara li rat l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-hati bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul ta' liberta tajt kondizzjoni.

Finalment il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza flimkien mal-atti tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------